# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 26 ta' Marzu 2001**

**Avviz. numru 1022/99**

**Numru 38**

**Ceiling Systems Limited**

**vs**

**Dormax Press Company Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma mis-socjeta konvenuta dovuta ta' erba mija u hamsin lira maltija (Lm450) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' impjant ta' l-arja kondizzjonata lis-socjeta konvenuta mibjugh u konsenjat kif jidher mill-Invoice numru 673 unita mal-avviz Dok "A".

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tat-22 ta' Gunju 1999, dawk tal-Mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentati mal-avviz,

u bl-imghax legali mid-9 ta' Gunju 1999 id-data tal-konsenja ta' l-impjant mibjugh skond l-istess Dok "A", kontra l-konvenut li ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota tal-eccezzjonjijiet tal-istess socjeta' konvenuta (fol 5 tal-istess atti) li biha s-socjeta' konvenuta eccepiet illi l-konvenut mhux responsabbli ghall-hlas ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) stante li l-impjant ta' l-arja kondizzjonata in kwistjoni, mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut, kellu difetti mohbijin u l-installazjoni tieghu ma saritx bis-sengha u l-arti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Wara li rat ukoll ix-xhieda ta' Joseph Farrugia (fol 14 u 15 ibid) kif ukoll id-dokument markat Dok A a fol 2 ibid.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-12 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm450.00,0 bl-imghax legali mid-data tal-konsenja ossija d-9 ta’ Gunju 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-22 ta’ Gunju 1999 kif ukoll dawk tal-mandati kawtelatorji ta’ qbid u ta’ sekwestru tas-6 ta’ Lulju 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg